## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Kump. Numru: 679/2020**

**Il-Pulizija**
(Spettur Mario Xiberras)
(Spettur Jeffrey Scicluna)

**Vs**

**Luke Vella**
(K.I.520895M)

**Illum, 22 ta' Jannar 2024.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Luke Vella** ta' 24 sena iben Brian Vella u Sonia (Maria Assunta) Vella nee' Falzon mwieled il-Pietà nhar il-11 ta' Diċembru 1995 u residenti fil-fond numru 46 Misraħ is-Sliem, Żabbar detentur tal-karta tal-identità numru 0520895(M) u akkużat talli:

1. nhar it-22 ta' Novembru 2020 u fil-Ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwa l-gżejjer Maltin, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-

piena ta' priġunerija u ċioè ta' ħruq volontarju ta' nar fuq vettura bil-mutur tal-għamla BMW bi numru tar-reġistrazzjoni AXL198 u dan għad-detriment ta' Vince Cumbo u/jew ta' persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza kkaġuna lil Tiffany Perry u lil Axel Cumbo biża li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-proprjeta tagħhom.

3. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet datat nhar il-29 ta' Frar 2016 u/jew kif sussegwentament ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

4. U aktar talli naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat (Illum Onorevoli Mħallef) Dr Anthony Vella LLD fid-digriet datat nhar il-5 ta' Jannar 2018 u/jew kif sussegwentatment ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

5. U kif ukoll naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malti) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LLD fid-digriet datat nhar l-1 ta' Marzu 2019 u/jew kif sussegwentament ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat Luke Vella bħala li hu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri,

inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbali tal-inkjesta, hekk kif maħsub f'artikolu 533 et sequitor tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412 C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Tiffany Perry u Axel Cumbo u l-familjari tagħhom.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi nhar il-11 ta' Novembru 2022,[1] l-Avukat Ġenerali bagħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex Luke Vella jiġi ġġudikat minnha stess billi jidhirlu li tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub:-

1. Fl-artikoli 48A(1)(3)(4), 251(3), 316, 318 u 323 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412Ċ, 412D, 533, 579(1)(2) u 586 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat illi fis-06 ta' Marzu 2023, l-istess Luke Vella ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

[1] Ara fol. 182 tal-atti proċesswali.

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda mogħtija minn Alex Cumbo, Tiffany Perry u Keith Perry jirriżulta illi fl-imgħoddi Luke Vella u Tiffany Perry kellhom relazzjoni flimkien u minn din ir-relazzjoni huma kellhom tifla. Jirriżulta li huma temmew din ir-relazzjoni u Tiffany Perry bdiet relazzjoni oħra ma ċerta Alex Cumbo.

Sadanittant, jidher li omm l-akkużat Maxilene Vella u oħtu Sonya Vella kienu qed jgħidu xi diskors ma' l-eks tfajla ta' Axel Cumbo, ċerta Kayne Zammit, li l-akkużat ried jaħraq il-vettura ta' l-istess Axel Cumbo. Minħabba f'hekk, Kayne Zammit kienet qed tibża' tagħti aċċess lil Axel Cumbo tal-minuri.

Kien hemm okkażjoni fejn darba Axel Cumbo u Tiffany Perry kienu qegħdin f'Bar iż-Żejtun jixorbu filgħaxija u daħlu Sonya Vella u Maxilene Vella jixtru. Ftit tal-ħin wara l-akkużat beda jċempel lil Tiffany Perry fuq il-mobile u beda jgħidilha biex titlaq mill-ħanut.

Jirriżulta wkoll li Tiffany Perry, f'dak iż-żmien kellha stabbiliment tal-ikel *takeaway* ġewwa Ħaż-Żabbar u f'dan l-istabbiliment kien imur ċerta Gordon Albani biex jitlobha ttiħ il-flus u ġieli anke x'jiekol u jixrob. Hi kienet tħenn għaliħ u minn xi daqqiet ittiħ €5 jew €10, ġieli anke tagħtu x'jiekol u jixrob. Jidher li l-imsemmi Gordon Albani kien qalilha diversi drabi li l-akkużat kien qabbdu biex jaħraq il-vettura ta' Axel Cumbo u anke offrielu s-somma ta' €700 biex jagħmel din il-biċċa xogħol. Albani saħansitra urieha li jaf fejn kien joqgħod Axel Cumbo u anke pinġielha l-isqaq fejn joqgħod.

Illi Tiffany Perry u Axel Cumbo beżgħu u marru jagħmlu rapport mal-Pulizija dwar dan kollu flimkien ma missier Tiffany Perry, ċerta Keith Perry.

Illi Tiffany Perry xehdet ukoll illi għal xi żmien wara li ntemmet ir-relazzjoni tagħhom, hi u Luke Vella kienu qegħdin ħażin u, b'rabta mal-fatt li kellha relazzjoni ġdida, kien jgħidilha "Irrid naqbdek b'għajnejja, irrid narak ma xi ħadd ħa naqbdek b'għajnejja" però minħabba l-minuri li għandhom, ir-relazzjoni bdiet titjieb u waqaf jgħidilha dan il-kliem. Qalet ukoll li ftit wara li ntemmet ir-relazzjoni tagħhom, l-akkużat kien bgħatilha video fejn qed jidher jaħraq ir-ritratt tagħha u t'oħtha.

Illi Gordon Albani xehed u qal li Luke Vella sabu u qallu li ried jaħraq xi karozza u dan lejn l-aħħar tas-sena 2020. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-allegat ħruq kellu jsir bejn it-12 u t-13 ta' Ottubru 2020. Qal li Tiffany Perry kellha ħanut tat-*takeaway* fejn kien imur l-istess Albani. Qal li ma riedx jagħmel dil-biċċa xogħol. Skontu, l-akkużat qallu li din hija l-karozza tal-għarus il-ġdid ta' Tiffany Perry. Qallu li l-akkużat kien se jlestilu xi affarijiet, bħal petrol jew hekk, u jiġborhom u mbagħad imur jaħraq il-vettura ż-Żejtun. Qal li l-akkużat kien ħadu jara l-vettura li kellha tinħaraq u dakinhar kien ċempillu, għaddha għaliħ Birżebbuġa b'karozza tal-kiri u ħadu fuq il-post fejn kien hemm il-vettura biex jaraha ż-Żejtun stess. Qallu li dakinhar kien se jgħaddi għaliħ, jieħdu jieħdu jistenna fejn id-dar, jieħdu fuq il-post, jistenna telefonata biex imbagħad jagħmel ir-reat, però Albani ma riedx jagħmilha. Minflok, mar l-għassa ta' Ħaż-Żabbar jagħmel ir-rapport. Albani kkonferma li ma riedx jagħmilha, ma kienx qed jaqbel miegħu u ma kienx qed jiftiehem miegħu, biss kien qed jisimgħu.

Illi l-ispettur Mario Sciberras qal li bħala parti mill-investigazzjonijiet, kienu għamlu *localisation* u *call profile* tal-mobiles ta' Gordon Albani u tal-akkużat dakinhar li l-akkużat allegatament ħa lil Albani biex jara l-vettura, ċioè fit-12 ta' Ottubru 2020, u rriżulta li ż-żewġ *mobile phones* kienu mxew ma xulxin, l-akkużat kien mar Birżebbuġa, minn Birżebbuġa mxew iż-żewġ *mobiles* ta' xulxin iż-Żejtun, fl-inħawi ta' Triq is-Siniskal, fejn kien hemm il-vettura ta' Axel Cumbo. Albani kien qalilhom li dakinhar li kellu jaħraq il-vettura kienet ix-xita u kien ġab dik l-iskuża mal-akkużat biex ma jaħraqhiex.

Xehed Dr. Christoher Scerri li kkonferma li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AXL-198 hija vettura tat-tip BMW 520D Sport Auto u hija rreġistrata fuq l-isem ta' Vincent Cumbo u Vincent Cumbo stess xehed u kkonferma li l-vettura hija tiegħu iżda jużaha t-tifel, Axel Cumbo.

Xehed ir-rappreżentant tal-uffiċju meteoroloġiku li kkonferma li l-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Ottubru 2020 kien hemm ħalbiet tax-xita f'xi ħinijiet u riħ qawwi.

PS90 Jeffrey Gerada qal li huma eżegwew Mandat ta' Arrest fuq Gordon Albani u hu ħadhom fuq il-postijiet li semma fix-xhieda tiegħu fl-istadju tal-investigazzjonijiet.

Illi in kontro-eżami Keith Perry xehed li hu m'għandux interess f'dawn il-proċeduri u li l-uniku involviment li kellu huwa li hu missier Tiffany Pisani u li mar magħha jagħmel ir-rapport. Ikkonferma, però, li bintu u l-akkużat għandhom relazzjoni stabbli llum-il ġurnata. Filfatt, l-istess Tiffany Perry kkonfermat ukoll in kontro-eżami li għandha relazzjoni mal-akkużat u li dak iż-żmien kellha *takeaway* iż-Żejtun. Qalet li Gordon Albani kien aktarx jitlobha l-flus minħabba l-vizzju tad-droga li kellu. Qalet li darba minnhom, dak iż-żmien, kien talabha sselfu €1,200 għal xi multi li kellu. Qalet li fiż-żmien li Gordon Albani kien avviċinaha, hija kienet temmet ir-relazzjoni mal-akkużat. Qalet li dak iż-żmien, Gordon Albani kien qalilha li kien hemm xi każ il-Qorti fejn l-akkużat kien ukoll involut u ried ipattiha lill-akkużat talli Albani nstab ħati. Kien qalilha li hu qatt ma kien beħsiebu jaħaraq il-karozza. Però meta qalilha li l-akkużat ried iqabbdu biex jaħraq il-karozza hi ma ħassithiex imbeżżża' li dan se jsir.

Il-pulizija eżebew ukoll id-dikjarazzjonijiet ta' Axel Cumbo, Tiffany Perry u Gordon Albani li ttieħdu bil-mezz awdjo viżiv fil-kwartieri tal-Pulizija, li iżda ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament mill-istess xhieda u għalhekk il-Qorti hija proċeduralment prekluża milli tieħu konjizzjoni tal-kontenut tagħhom.

Fl-istqarrija tiegħu, l-akkużat jgħid li hu qatt ma kellem lil Axel Cumbo u li ma jafux. Qal li sa ftit jiem qabel ir-rapport hu kien għad kellu relazzjoni ma' Tiffany Perry. Qal li qatt ma qabbad lil Gordon Albani biex jaħraq karozzi. Qal li Gordon Albani kien ħasillu xi karozzi madwar xahar qabel u kien dejjem jitolbu għall-flus. Hu filfatt kien ċempel lil Albani biex jaħsillu l-karozzi. Qal li madwar ġimgħa qabel l-istqarrija, Tiffany Perry qaltlu li Gordon Albani ried ipattihielu għax kien tefgħu il-ħabs fuq każ li seħħ Għawdex. Hu ċaħad li għadda għal Gordon Albani biex jaraw jew jaħarqu l-karozza ta' Axel Cumbo u għalkemm ikkonfrontat bil-fatt li l-*localisation data* u *call profiles* joħolqu ħolqa bejnu u bejn Gordon Albani, huwa ċaħad li qatt qabdu jew ftiehem miegħu biex iwettqu dan id-delitt. Jgħid li darba għadda għal Albani u ħadu ħdejn il-ħanut ta' Tiffany Perry biex din ittiħ xi flus.

Xehedet ukoll ir-rappreżentanta ta' Epic Communiations Limited li ppreżentat il-*call logs localiastion* tan-numru ta' l-akkużat u dak ta' Gordon Albani, mill-1 ta' Ġunju 2020 sat-30 ta' Novembru 2020,

Ikkunsidrat;

Illi fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali jakkuża lil Luke Vella (i) bir-reat ta' assoċjazzjoni ai termini tal-Artikolu 48A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta; (ii) bir-reat ta' vjolenza kontra l-privat, ai termini tal-Artikolu 251(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u (iii) bir-reat ta' Ħruq b'periklu tal-ħajja (Art 316 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta), Ħruq bla perikolu għall-ħajja tan-nies (Art 318 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta) u biċ-ċirkostanzi aggravanti għal dawn ir-reati (Art 323 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta);

Illi dwar ir-reat ta' assoċjazzjoni, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kitanchev Blagoy Zhorov et**[2] fejn intqal:

*"<u>Ir-reat tal-assocjazzjoni</u>, li huwa wiehed mill-atti preparatorji ghar-rejat konsmat jew attentat u li ghalhekk jista' jirrizulta indipendentement mill-kommissjoni tar-reat mahsub jew it-tentattiv tieghu jirrikjedi l-konkorrenza ta' tlett elementi: il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar; l-intenzjoni li jsir ir-reat (specifikat u mhux wiehed generiku); u pjan ta' azzjoni miftiehem.*

*Is-sejbien ta' htija o meno jitfa' oneru gravuz fuq il-Qorti biex tinterpreta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-konkorrenza ta' dawn it-tlett elementi b'mod partikolari ghaliex ma hemmx dik il-prezunzjoni feroci kontra l-imputat bhala per ezempju fir-reat kontemplat fl-artikolu 287 tal-Kapitolu 9;*

*... omissis...*

*Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Frar, 2009 fl-ismiijiet **The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden** jemergi insenjament interessanti ta' kif jista' jkun pruvat dan ir-reat b'mod inferenzjali. Filwaqt illi l-Qorti abbracjat it-taghlim tal-Archbold citat supra ghamlet referenza ukoll ghall Blackstone's Criminal Practice fejn kien ritenut hekk:*

*"There are no special evidential rules peculiar to consipiracy. In Murphy (1837) C C 7 P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such*

---

[2] **Il-Pulizija vs Kitanchev Blagoy Zhorov et**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Ottubru 2021 (Appl Nru 331/2019);

> *acts, and conspiracies may also be proved, inter alia, by direct testimony, secret recordings or confessions..."*

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ *de quo* jirriżulta illi l-provi tal-prosekuzzjoni għandhom jissodisfaw tlett elementi sabiex l-akkużat jinstab ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni. L-ewwel element huwa li jiġi pprovat li kien hemm ftehim bejn Gordon Albani u l-akkużat.

Illi mix-xhieda ta' Tiffany Perry jirriżulta illi meta Gordon Albani kienu imur il-ħanut tagħha, huwa qalilha li l-akkużat talbu jaħraq il-vettura ta' l-għarus tagħha ta' dak iż-żmien. Illi meta kien qed jiġi nvestigat mill-pulizija, l-istess Gordon Albani ħadhom fuq il-post fejn l-akkużat allegatament ħadu biex jara l-karozza li kellu jaħraq. Albani xehed li skontu, l-akkużat qallu li kellu jgħaddi għaliħ, jieħdu jistenna d-dar, jieħdu l-affarijiet u jibqa' sejjer biħ jaħraq il-vettura. Illi l-proskuzzjoni ppreżentat ukoll il-call log profile għall-perjodu konsiderevoli qabel l-allegat data meta kellu jseħħ dan id-delitt.

Illi Gordon Albani, madanakollu, xehed ukoll quddiem din il-Qorti illi huwa qatt ma ried jaħraq din il-vettura u li kien mar mal-akkużat propju biex jisimgħu. Qal li wara li mar jara l-vettura, huwa minflok ma wettaq id-delitt, mar jagħmel rapport l-għassa ta' Ħaż-Żabbar.

Illi minn din ix-xhieda, jirriżulta għall-Qorti li qatt ma kien hemm aċċettazzjoni, imqar momentarja, da parti ta' Gordon Albani li jwettaq dan id-delitt allegatament propost mill-akkużat.  Anzi, jirriżulta bil-maqlub. Jirriżulta li Albani mar miegħu jara fejn kien hemm il-vettura biex jisimgħu.

Illi l-akkużat, fl-istqarrija tiegħu, jinnega li qatt eżista dan l-arranġament, u l-prosekuzzjoni, bil-għan li turi fatti li l-akkużat u Gordon Albani kienu jafu lil xulxin u ġieli kkomunikaw flimkien, ressqu r-rappreżentant tas-soċjetà Epic biex tippreżenta l-*call profile.* Minn dan l-elenku, jirriżulta illi bejn l-1 ta' Ġunju 2020 u t-13 ta' Ottubru 2020, l-akkużat ċempel lil Gordon Albani 20 darba fi 8 ġranet differenti u l-*localisation* kien ivarja bejn Żabbar;

Żejtun, Birżebbuġia u darba Vittoriosa. Dan jirriżulta mill-estratt tal-elenku hawn preżentat:

| **Data u ħin tat-telefonata** | **Arblu minn fejn saret it-telefonata** |
|---|---|
| | |
| Jun 1, 2020 9:53:52 AM | ESL_2_4G_B |
| Jul 15, 2020 8:57:58 AM | ESL_2_B |
| Jul 15, 2020 9:14:12 AM | Zejtun_BandClub_3G_C_F1 |
| Aug 25, 2020 7:15:51 PM | ESL_2_3G_B_F2 |
| Aug 25, 2020 7:34:37 PM | Zabbar_Bajada_3G_A_F2 |
| Aug 25, 2020 9:26:02 PM | ESL_2_B |
| Sep 29, 2020 7:34:55 PM | Vittoriosa_2_3G_A_F2 |
| Sep 30, 2020 6:39:04 PM | Bbuga_PrettyBay_3G_B_F1 |
| Oct 6, 2020 6:32:57 PM | Zejtun_1_3G_B_F1 |
| Oct 6, 2020 6:40:17 PM | Bbuga_PrettyBay_3G_A_F1 |
| Oct 6, 2020 6:43:58 PM | Bbuga_PrettyBay_3G_B_F2 |
| Oct 9, 2020 7:18:42 PM | Zabbar_Bajada_3G_A_F1 |
| Oct 9, 2020 7:43:04 PM | Bbuga_PrettyBay_3G_C_F1 |
| Oct 9, 2020 7:52:11 PM | Bbuga_PrettyBay_3G_C_F2 |
| Oct 9, 2020 8:07:23 PM | Zejtun_BandClub_3G_C_F2 |
| Oct 12, 2020 2:55:46 PM | ESL_2_3G_B_F2 |
| Oct 12, 2020 3:13:18 PM | Bbuga_PrettyBay_3G_C_F1 |
| Oct 12, 2020 3:16:27 PM | Bbuga_PrettyBay_3G_B_F2 |
| Oct 13, 2020 1:10:07 AM | ESL_2_3G_B_F2 |
| Oct 13, 2020 10:11:49 AM | Zabbar_Bajada_3G_A_F2 |

Illi minn dan l-estratt jirriżulta ċar li l-akkużat u Gordon Albani kienu jafu lil xulxin u li ġieli kkomunikaw flimkien. Interessant li filwaqt li tkellmu darba f’Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru, tkellmu ben tnax-il darba bejn is-6 ta’ Ottubru 2020 u t-13 ta’ Ottubru 2020. Illi din il-frekwenza ta’ kjamati tikkonċidi mat-teorija tal-prosekuzzjoni, però min-naħa l-oħra m’hemm

ebda indikazzjoni tal-kontenut ta' dawn it-telefonati. Di più anke jekk stess l-akkużat tassew kien qed jipprova jikkonvinċi lill-Gordon Albani biex iwettaq ir-reat f'dawn it-telefonati, Albani qatt ma aċċetta.

Illi b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, ladarba l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova dan l-ewwel element, il-Qorti ma tistax issib ħtija f'din l-ewwel akkużat.

Ikkonsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali jakkuża lill-akkużat ukoll bir-reat ta' vjolenza kontra l-privat, b'mod speċifiku bl-ikkawżar ta' biża' lil ħaddieħor li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà tiegħu jew tal-axxendenti tiegħu, ai termini tal-Artikolu 251(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalkemm xehdu Axel Cumbo, Tiffany Perry u Keith Perry dwar l-inċident, il-Qorti ma ssibx li l-akkużat ikkawża xi biża f'dawn il-persuni.
Fix-xhieda tiegħu, Alex Cumbo ma jsemmix xi biża li rriskontra filwaqt li Keith Perry xehed in kontro-eżami li lanqas għamel rapport iżda kien mar għand il-pulizija minħabba t-tifla. Tiffany Perry, da parti tagħha qalet in kontro-eżami li fiż-żmien meta Gordon Albani qalilha b'dan il-ħsieb li kellu l-akkużat, hi ma ħassiethiex imbeżża'.

Illi abbażi ta' dan, il-Qorti jidrilha li anke hawnhekk, il-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova l-elementi ta' dan ir-reat

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tar-reati rimanenti imputati mill-Avukat Ġenerali, minn imkien ma jirriżulta mill-provi prodotti illi effettivament kien hemm xi nar li tqabbad u b'hekk dawn ir-reati ma ġewx ipprovati sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Ill stante li l-Qorti ma sabitx ħtija fir-reat imputati mill-Avukat Ġenerali, konsegwentement, l-akkużat ma jistax jinstab ħati li naqas li jħares kondizzjoni imposti fuqu bil-varji digrieti ta' din il-Qorti.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 48A(1)(3)(4), 49, 50, 251(3), 316, 318, 323 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412Ċ, 412D, 533, 579(1)(2) u 586 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **Luke Vella** **mhux ħati** tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u għaldaqstant qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**